**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 397/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Horace Desira**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Horace Desira, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 184677(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u Lulju tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;
2. U aktar talli xjentament għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;
3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati,

inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament għamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
6. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji , sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet oħra;
7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamel qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000);
8. U aktar talli kellu fil-pussess jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) għaliex hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6) u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 183, 184, 188, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Horace Desira ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundanatu għal sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Ikkundanatu ukoll b'żieda mal-piena ġia' inflitta, għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa taħt l-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre*, ordnat għall-fini tal-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li din is-sentenza bil-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Ottubru 2023 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena iktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 5 ta' Diċembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe' dik ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan il-perijodu ta' priġunerija kien sospiż għal żmien tlett snin, kif ukoll l-interdizzjoni ġenerali perpetwa. L-appellant jibda biex jilmenta illi l-piena ta' sentejn priġunerija, għalkemm waħda sospiża hija eċċessiva in vista tal-ammissjoni bikrija tiegħu kif ukoll tal-fatt li rrifonda lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali' l-ammont kollu minnu meħud indebitament. *In oltre*, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa tiegħu u dana minħabba li r-reati lilu addebitati ma ġewx imwettqa fil-kors tax-xogħol tiegħu bħala mpjegat pubbliku.

Illi, dak li jrid jiġi ssindikat minn din il-qorti ta' reviżjoni meta tiġi biex tqies aggravju marbut mal-piena erogata mill-qorti tal-ewwel istanza huwa unikament jekk dik il-piena hijiex waħda li b'xi mod hija żbaljata fil-prinċipju jew inkella manifestament eċċessiva.[1]

Issa dak li donnu jolqot lill-appellant hija ix-xorta tal-piena li ġiet erogata mill-Ewwel Qorti u dan għaliex jikkontendi illi f'każijiet analogi kienet ġiet imposta sentenza fil-komunità u mhux waħda karċerarja, għalkemm sospiża. Dan ukoll fid-dawl tal-ammissjoni bikrija reġistrata minnu mal-ewwel smiegħ kif ukoll illi sar ħlas minnu

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

tal-flus meħuda indebitament qabel ma kienu inizjati dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Illi jibda biex jingħad illi l-paraguni huma odjużi billi kull każ għandu il-fattispeċje tiegħu biex b'hekk il-Qorti żgur ma tistax tagħmel dak li l-appellant qed jistedinHa biex tqies u ċioe' li tara każijiet simili fejn il-piena, fil-fehma tiegħu, kienet aktar miti, u timxi bl-istess mod.

Magħdud dan, madanakollu, l-artikolu 337(1) tal-Kodiċi Kriminali jaħseb għall-evenjenza meta il-ġudikabbli jkun irrisarċixxa l-ħsara minnu ikkaġjonata qabel ma jkunu mnehdija l-proċeduri penali kontra tiegħu u dan meta hemm hekk dispost:

> **"Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkaġunata bir-reat."**

Illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-proċeduri penali kontra l-appellant kienu istitwiti fit-23 ta' Awwissu 2023. Mir-riċevuta eżebita in atti a fol. 21 u 22, imbagħad, jidher illi l-appellant ħallas lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali s-somma kollha minnu meħuda indebitament ammontanti għal €19,109.36 fl-01 ta' Lulju 2023. Dan ifisser illi f'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-piena li kellha tkun erogata mill-Ewwel Qorti kellha tonqos bi grad jew tnejn. Ma jidhirx, madanakollu illi l-Ewwel Qorti ħadet qies ta' dak dispost f'dan l-artikolu tal-Liġi, tant illi għamlet is-segwenti konsiderazzjoni fost konsiderazzjonijiet oħra:

> **"Fl-istess waqt, il-Qorti fehmet ukoll – anke fin-nuqqas ta' prova kuntrarja fl-atti proċesswali – li r-reati kommessi bil-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument iffalsifikat twettqu sewwasew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi u r-reat taħt l- artikolu 310BA tal-Kap. 9. Isibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.**
>
> **Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputat ammetta l-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000.**
>
> **Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi, biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9."**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u il-fatt illi huwa minnufih ħallas il-ħsara minnu kkaġjonata saħansitra qabel ma ittieħdu il-passi kriminali kontrih, kellu jwassal sabiex hu jibbenefika minn riduzjoni fil-piena fil-massimu sabiex b'hekk b'tnaqqis ta' żewġ gradi il-piena għandha tonqos għal dik tal-priġunerija bejn tlettax-il xahar sa ħames snin. Tqies illi għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-appellant huwa kandidat idoneju biex jibbenefika mid-dispost ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata għandha tkun fil-massimu tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti errat meta imponiet il-piena konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati l-interdizzjoni ġenerali perpetwa fit-termini ta'l-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali. Jikkontendi illi din is-sanzjoni tal-liġi issib applikazzjoni unikament meta ir-reat isir mill-uffiċjal pubbliku fil-kors tal-kariga jew impjieg tiegħu, fatt li ma hux riskontrat f'dan il-każ.

Illi d-diċitura tal-liġi, madanakollu, kif tajjeb tosserva l-Ewwel Qorti, ma tagħmel ebda distinzjoni fis-sens imfisser mill-appellant u dan meta tispeċifika illi "**<u>fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni</u>** (mingħajr allura ma ssir ebda distinzjoni) **magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa <u>għandha dejjem tiżdied</u> mal-piena stabbilita għad-delitt. (<u>enfazi ta' din il-Qorti</u>)**"

Illi, l-Ewwel Qorti fil-fatt tiċċita b'approvazzjoni l-ġurisprudenza in materja fejn minn dejjem il-qrati applikaw din is-sanzjoni konsegwenzjali immaterjalment jekk il-kummissjoni tar-reat kienx marbut o meno mal-funzjoni pubblika tal-ġudikabbli. Tant hu hekk illi fit-taqsima ta' reati kommessi mill-uffiċjali pubbliċi fil-kors tal-kariga jew impjieg tagħhom, il-liġi timponi bħala sanzjoni konsegwenzjali l-interdizzjoni ġenerali temporanja jew perpetwa, b'żieda mal-piena stabbilita għal dawk ir-reati u dan kif hemm imfisser fl-artikolu 140 tal-Kodiċi Kriminali[2], bl-artikolu 141 imbagħad

---

[2] 140.Fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 133 sal-139 inklużivament, il-qorti tista', mal-piena hemm fihom imsemmija, iżżid il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.

jikkontempla iż-żieda fil-piena bi grad meta kommess minn uffiċjal pubbliku li "jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi." Jikkonsegwi għalhekk illi fejn il-leġislatur ried jimponi piena għal reati kommessi minn uffiċjali pubbliċi fil-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom kien ċar fid-diċitura adoperata. Illi f'dan il-każ, il-leġislatur din il-kwalifika ma jagħmilhiex biex b'hekk huwa evidenti illi f'kull każ meta l-uffiċjal pubbliku jikkometti ir-reat tal-frodi jew falsifikazzjoni, l-qorti trid tgħaddi għas-sanzjoni konsegwenzjali tal-interdizzjoni mingħajr distinzjoni jekk ir-reat sarx o meno fil-kors tal-impjieg jew kariga tiegħu.

Illi, mill-Atti Proċesswali ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni l-appellant kien propju uffiċjal pubbliku. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma kellix triq oħra ħlief li tapplika s-sanzjoni imfassla fl-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali ta'l-interdizzjoni ġenerali perpetwa fuq l-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment. Tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7), kif ukoll fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha. Tikkonfermaha ukoll fejn imponiet il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa fit-termini tal-artikoli 10 u 190 tal-Kodiċi Kriminali. Tirrevokaha in kwantu għal piena inflitta u ċioe' fejn l-appellant kien ikkundannat għal perijodu ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin, u wara li rat l-artikolu 22 u 25(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.**

**Il-Qorti wissiet lil ħati bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta' libertà kondizzjonata.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

___